# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 13**

**Citazzjoni numru 152/05 JA**

**Sharon Tonna**

**v.**

**Joseph Tonna**

**<u>Preliminari</u>**

Dawn huma appell principali maghmul mill-attrici u appell incidentali maghmul mill-konvenut minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fit-23 ta' Ottubru 2015 li permezz taghha dik il-Qorti ppronunzjat il-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet b'tort unikament tal-konvenut u rregolat l-effetti konsegwenzjali ghall-hall taz-zwieg billi inter alia: ordnat li l-konvenut jibqa' jhallas manteniment lill-ulied tal-partijiet "skont id-digriet vigenti fir-rigward sakemm dawn jaghlqu 23 sena jew [recte:u] jibqghu jattendu istituzzjoni edukattiva

skont il-ligi" filwaqt li cahdet it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghaliha; ordnat fil-konfront tal-konvenut l-applikazzjoni fl-intier tieghu tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili; xoljiet, illikwidat u assenjat lill-partijiet l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bil-mod indikat fl-istess sentenza appellata; astjeniet mit-talba sabiex isir bejgh tal-assi immobbli permezz ta' licitazzjoni; u, cahdet it-talba, fuq nuqqas ta' provi, sabiex il-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-assi parafernali taghha jew ihallas il-valur taghhom.

Dwar il-kontro-talba tal-konvenut, l-ewwel Qorti, filwaqt li kkonfermat il-pronunzjament tal-hall taz-zwieg b'tort uniku tal-konvenut, laqghet it-tieni u l-hames talbiet, u fir-rigward tat-talbiet l-ohra, laqghathom limitatament fejn huma kompatibbli ma' dak deciz fl-azzjoni principali, cahdithom fejn ma humiex hekk kompatibbli; u, iffissat terminu ta' sena sabiex l-attrici tivvaka d-dar matrimonjali proprjeta` parafernali tal-konvenut.

**Il-Fatti**

Il-partijiet izzewwgu fit-2 ta' Mejju 1992 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li llum huma maggjorenni. L-attrici hija mara tad-dar, filwaqt li l-konvenut jezercita l-professjoni tieghu ta' tabib. Fis-27 ta' Novembru 2004 il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix ma' certu Caroline Attard li maghha ghandu relazzjoni adulteruza.

## Is-Sentenza Appellata

L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet[1]:

> "Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma' żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet; il-konvenut da parti tiegħu jaqbel ma' dan iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi; dan flimkien mal-kwistjoni tal-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u dwar jekk il-konvenut huwiex tenut iħallas manteniment huma l-kwistjonijiet li dwarhom il-partijiet mhumiex jaqblu. Fil-fatt dan ġie ndirizzat bi preċiżjoni u kjarezza fin-noti ta' sottomissjonijiet preżentati, u li l-Qorti ma tistax ma tikkummentax favorevolment dwarhom (it-tnejn li huma) għaliex huma ta' eżempju ta' kif għandhom isiru dawn l-atti. Il-kawża naturalment kienet kontestata fuq dawn il-punti.
>
> "**TORT**
>
> "Illi l-attriċi apparti mill-affidavit tagħha preżentat ukoll (a fol 68) affidavits oħra ta' Clinton Galea, Romina Agius, Dante Galea Karl Agius u Phyllis Galea, ilkoll familjari tagħha. Aktar tard ippreżentat diversi affidavits oħra ta' ħbieb tagħha u nies oħra li jafuha."
>
> ………………… omissis …………………
>
> "Illi bħall-attriċi pprezenta wkoll diversi affidavits oħra ta' familjari u nies li jafuh jew ħbieb.
>
> "Illi kif ġja' ngħad u jidher mill-affidavits, il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ. Madankollu l-Qorti ma jidhriliex li għandu jkun hemm dubju li huwa l-konvenut li l-aktar jaħti f'dan l-aspett. Huwa jammetti illi kellu relazzjoni ma' mara oħra, Caroline Attard u dan għamlu fi stadju bikri tal-proċeduri. Il-provi li tressqu matul il-kawża – anke dawk fil-varji rikorsi li saru fil-mori tal-proċeduri – jindikaw dan b'mod ċar.
>
> "Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha illi tenut kont ta' kollox ma għandu jkollha ebda dubju li kien it-tradiment konjugali tiegħu li kien l-akbar addebitu biex tfarrak iż-żwieġ. Kif ġie ritenut fil-kawża riportata fil-**Vol. XXXVII-ii-693**, *"l-adulterju dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-Qorti tawtorizża s-*

[1] Vol.10 – Fol.2,620 et seq.

*separazzjoni personali."* Hemm lok ukoll allura għall-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut.

"Illi huwa minnu li matul il-kors tal-kawża l-konvenut ipprezenta diversi rikors li fihom allega li l-attriċi kkomettiet min-naħa tagħha adulterju, u allura kellha titlef id-dritt tal-manteniment; dwar dan il-Qorti se tippronunzja ruħha aktar 'il quddiem; f'din il-parti tas-sentenza pero' tiddikjara li *nonostante* dak li se tgħid aktar 'il quddiem, il-fatt jibqa' li kien oriġinarjament l-adulterju tal-konvenut li kkawża t-tifrik taż-żwieġ.

"**ULIED IL-PARTIJIET**

"Illi t-tfal tal-minuri illum-il ġurnata huma maġġorenni u allura ma hemmx deċiżjonijiet x'jittieħdu fir-rigward, ħlief għall-manteniment skond l-artikolu 3B, billi sal-lum huma għadhom jattendu istituzzjonijiet edukattivi; dan għandu jibqa' sakemm naturalment huma jibqgħu jattendu jew jagħlqu t-tlieta u għoxrin (23) sena kif trid il-liġi.

"**MANTENIMENT**

"Illi matul il-proċeduri saru diversi rikorsi dwar manteniment u fil-bidu tal-kawża kien ingħata digriet li aktar tard ġie modifikat in vista tal-bdil taċ-ċirkostanzi. Dawn ir-rikorsi kienu l-aktar da parti tal-konvenut li jsostni li l-konvenuta għandha relazzjoni ma' persuna oħra u allura għandha tiddekadi mid-dritt tagħha għall-manteniment."

………………… omissis …………………

"Illi l-Qorti meta semgħet il-provi dwar dan, kellha indikażżjoni ċara li l-attriċi qed tkun regolarment fil-kumpanija tal-persuna msemmija f'dawn ir-rikorsi tal-konvenut, u dan ikun ukoll regolarment fid-dar fejn toqgħod; jekk ma hemmx adulterju l-atteġġjament tal-attriċi jwassal żgur għall-konklużjoni li hija kkommettiet inġurja gravi.

"Illi għalhekk kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Anna Faniello vs Dottor Renzo Porsella Flores nomine"** (deċiża fis-27 ta' Frar 2015):

> *"Din il-Qorti allura għandha d-diskrezzjoni jekk tapplikax il-provvedimenti tal-artikolu 48 jew le. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn l-appellanti kienet ħatja ta' nġurji gravi simili ħafna jekk mhux ekwivalenti għal adulterju, il-Qorti jidhrilha li għandha tapplika hi wkoll dan l-artikolu u tiddikjara li l-appellanti ddekadiet mid-dritt għall-alimenti."*

"Illi għalhekk il-Qorti tiddikjara li l-attriċi ddekadiet mid-dritt tagħha li tircievi l-manteniment skond din id-dispożizzjoni.

"**PROPRJETA'**

"**(Beni immobbli)**

"Illi mill-provi jirriżulta paċifiku li dawn il-proprjetajiet jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet:

"Proprjeta' f'dawret ix-Xgħajra, Zabbar, stmati mill-perit tekniku illi jiswew kantu għall-garaxx **€65,000**, l-appartament fl-ewwel sular **€150,000** u dak fit-tieni sular **€145,000**;

"Showroom 177 Victory Street, l-Isla stmata **€40,000**;

"U kantina 10, Triq il-Kunċizzjoni, l-Isla stmata **€4,500**.

"Illi hemm nuqqas ta' qbil fuq spiżerija numru 155, Victory Street, l-Isla li tiswa €85,000 u klinika 154 fl-istess triq li tiswa €15,000. Dan għaliex il-konvenut kien xtara n-nofs indiviż flimkien ma' l-ex għarusa tiegħu naturalment qabel ma żżewweġ u eventwalment kien ftiehem magħha li jixtri n-nofs tagħha wkoll qabel iż-żwieġ; madankollu il-kuntratt tal-akkwist sar fl-1995 meta allura huwa kien ġja' żżewweġ (Dok 'RT 10'). Il-Perit Legali kkonkluda li allura dawn il-proprjetajiet huma parafernali tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx ma din il-konklużjoni; *una volta* l-akkwist sar *circa* tlett snin wara li ġie ċelebrat iż-żwieġ bejn il-kontendenti ma hemmx allura dubju li mill-*punto di vista* legali, dan in-nofs indiviż jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti; allura l-valur komplessiv tagħhom fil-komunjoni huwa appuntu nofs l-ammont likwidat mill-Perit Tekniku, u kwindi **€50,000**.

"Illi l-Qorti allura għal raġunijiet ċari se tassenja lill-**konvenut** dan in-nofs indiviż ta' din il-proprjeta' (in-nofs l-ieħor hija ġja' parafernali tiegħu) flimkien mal-kantina, u l-appartament fit-tieni sular Ħaż-Żabbar għall-valur ta' **€199,500**; lill-**attriċi** l-proprjetajiet l-oħra li jiswew b'kollox **€196,500**; allura l-konvenut jibqagħlu jħallasha **€1,500** oħra bħala ekwiparazzjoni.[2]

"**(Beni mobbli)**

"Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

[2] U b'digriet tal-10 ta' Novembru 2015 it-tieni paragrafu ġie kkoreġut biex jaqra: Illi l-Qorti allura għal raġunijiet ċari se tassenja lill-**konvenut** dan in-nofs indiviż ta' din il-proprjeta' (in-nofs l-ieħor hija ġja' parafernali tiegħu) flimkien mal-kantina, u l-appartament fit-tieni sular Ħaż-Żabbar għall-valur ta' **€199,500**; lill-**attriċi** l-proprjetajiet l-oħra li jiswew b'kollox **€255,000**, allura l-attriċi jibqagħlha tħallas lill-konvenut **€27,750** oħra bħala ekwiparazzjoni.

"Illi l-attriċi qalet li l-oġġetti msemmija fir-rapport peritali a fol 2247 huma parafernali tagħha u qegħdin fil-pussess tagħha; il-Qorti taqbel ma' dan u għaldaqstant l-attriċi għandha żżommhom.

"Illi dejn mal-bank HSBC li sar mill-partijiet fl-2001 u allura fiż- żwieġ għandu jitħallas mill-partijiet f'ishma ugwali. **Djun oħra li saru mill-partijiet għandhom jiġu mħallsa mill-parti li għamlithom**.

"**BENEFIKATI**

"Illi l-attriċi talbet li titħallas għall-benefikati li saru fid-dar matrimonjali li hija parafernali tal-attur u fuq propjeta' oħra parafernali tiegħu, *maisonette* bl-isem ta' Louise, Triq Orlando Zabbar; din tal-aħħar inbniet fiż-żwieġ fuq art li kien xtara l-konvenut qabel. Skond il-Perit Tekniku l-valur tagħhom huwa ta' €35,795 u allura l-attriċi għandha tieħu s-somma ta' €17,897.50. Fuq id-dar matrimonjali ma hemmx qbil iżda l-Qorti propensa temmen lill-attriċi li xi xogħlijiet saru f'dawn l-aħħar aktar minn għoxrin sena minn meta l-partijiet iżżewġu, u din il-Qorti stess se tillikwidah *arbitrio boni viri* fis-somma ta' €6,000 li minnhom l-attriċi għandha tieħu €3,000. B'kollox sehem l-attriċi huwa ta' **€20,897.50**.

"**ĦLASIJIET OĦRA DOVUTI**

"Illi matul il-kors tal-kawża l-Qorti kellha tiddeċiedi dwar diversi rikorsi, li ħafna drabi uħud minnhom skaturew minhabba li l-konvenut kien pjuttost retiċenti biex iħallas il-manteniment fir-rigward tal-ħlasijiet tal-*'fees'* tal-iskola, minħabba l-problemi ta' komunikazzjoni li kellu ma' l-istess ulied. Għalhekk il-Qorti kellha tieħu provvedimenti fejn ordnat bejgħ ta' vettura, lanċa u polza ta' assikurazzjoni biex tassigura li t-tfal jibqgħu jattendu l-iskola fejn kienu jmorru.

"Illi kif sewwa rrimarkat l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenut kien obbligat jagħmel dawk il-ħlasijiet mingħajr il-ħtieġa ta' dan il-bejgħ u allura hija issa għandha dritt tieħu lura nofs dak ir-rikavat – li kien jinkludi €5,823.50 għal-lanċa, €1,747 għall-vettura Maruti, u €12,104.27 għall-polza ta' assikurazzjoni mal-Middlesea. B'kollox **€19,674.77**.

"Illi l-konvenut jirriżulta wkoll li għandu ntrojtu ta' kirjiet varji mill-fondi proprjeta' tal-komunjoni. Uħud minnhom ilhom mikrija snin, oħrajn mhux ċar kemm ilhom mikrija. Żgur li kemm ilhom separati *'de facto'* huwa pperċepixxa aktar minn €30,000 kif spjegat b'mod suċċint fin-nota tal-attriċi a fol 2526 – 2527 tal-proċess – li minnhom ma għadda xejn lill-attriċi; kwindi l-Qorti qed tillikwida dan l-ammont dovut lill-attriċi fis-somma **ta' €15, 000**.

"Kwindi l-konvenut għandu jagħti lill-attriċi is-somma komplessiva ta' **€34,674.77** taħt dan il-kap.

"**DAR MATRIMONJALI**

"Illi l-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attriċi biex tibqa' tgħix fid-dar matriminonjali għaliex ma jeżistux l-estremi biex dik it-talba tintlaqa', it-tfal issa huma maġġorenni u allura lanqas il-Qorti ma tista' tagħmel dik l-ordna biex tipproteġi lilhom. Għal raġunijiet prattiċi pero' biex l-attriċi u wliedha jkollhom żmien jippreparaw għal dan il-kambjament, se tagħtiha żmien sena oħra tgħix fid-dar.

"**DIVORZJU**

"Illi kif ġja' ngħad l-konvenut talab li t-talba attriċi għal separazzjoni tinbidel għal waħda ta' divorzju skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili. Billi r-rekwiżiti kollha indubbjament jeżistu biex it-talba tintlaqa' u ma saret ebda oppożizzjoni mill-attriċi, il-Qorti se tilqa' l-istess talba."

**L-Appelli**

L-attrici pprezentat l-appell taghha fl-10 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu qed titlob li s-sentenza appellata tigi riformata fid-dawl tal-aggravji taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Ghal dan l-appell il-konvenut pprezenta risposta fis-26 ta' Novembru 2015 fejn, filwaqt li talab li l-appell tal-attrici jigi michud ghar-ragunijiet spjegati minnu fl-istess risposta, ghamel appell incidentali u talab li s-sentenza appellata tigi riformata fid-dawl tal-aggravji minnu mressqa, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

**L-Aggravji**

L-appell principali tal-attrici huwa bazat fuq erba' aggravji li jirrigwardjaw: [1] it-talba taghha ghall-hlas ta' manteniment ghaliha da parti tal-konvenut; [2] il-perjodu ta' sena li fih giet awtorizzata tokkupa d-dar matrimonjali b'eskluzjoni tal-konvenut; [3] l-attwazzjoni fil-konfront

tal-konvenut tas-sanzjoni prevista fis-subinciz [c] tal-Artikolu 48 fuq citat u, [4] il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni.

L-appell incidentali tal-konvenut huwa bazat fuq erba' aggravji li jirrigwardjaw: [1] l-awtorizzazzjoni da parti tal-attrici sabiex ghal zmien sena din tibqa' tokkupa d-dar matrimonjali b'eskluzjoni tal-konvenut; [2] il-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti; [3] krediti pretizi mill-konvenut; [4] ir-responsabbilita` ghall-hall taz-zwieg u d-data tal-adulterju jew htija tal-attrici u, [5] l-akkollament tal-ispejjez tal-kawza.

Huwa logiku li l-ewwel jigi trattat ir-raba' aggravju tal-appell incidenti li jirrigwardja r-responsabbilita` ghall-hall taz-zwieg peress li dan jimpingi fuq uhud mill-aggravji l-ohra mressqa mill-partijiet, kif ukoll l-ewwel aggravju tal-appell principali.

*Ir-raba' aggravju tal-appell incidentali u l-ewwel aggravju tal-appell principali*

Dawn l-aggravji huma konnessi inkwantu r-raba' aggravju tal-konvenut jirrigwardja r-responsabbilita` tal-attrici ghas-separazzjoni, filwaqt li l-ewwel aggravju tal-attrici jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie stabbilit li l-attrici kienet iddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha.

Permezz tar-**raba'** aggravju l-konvenut jisostni li z-zewg partijiet kienu hatja ta' adulterju waqt li l-kawza kienet ghadha pendenti izda, minkejja dan, hu gie allokat li jhallas l-ispejjez kollha tal-kawza. Jilmenta li, minkejja li hu ressaq provi "skjacanti" tal-adulterju da parti tal-attrici ma' certu Jonathan Calleja f'Mejju 2009, l-ewwel Qorti naqset milli tistabilixxi data li minnha l-attrici kellha tigi meqjusa bhala hatja ghat-tifrik taz-zwieg. Huwa jissottometti li din id-data kellha tkun l-1 ta' Gunju 2009.

L-attrici tirribatti billi tissenjala li l-kagun tat-tkissir taz-zwieg kienu r-relazzjonijiet li l-konvenut kellu ma' diversi nisa, matul il-konvivenza matrimonjali, partikolarment ma' Caroline Attard li maghha dahal f'relazzjoni stabbli tant li spicca biex telaq mid-dar konjugali u abbanduna l-familja tieghu.

Tghid li l-allegata hbiberija ma' Jonathan Calleja fis-sena 2009, "anke kieku dan irrizulta pruvat" sehhet erba' snin wara li nfethu l-proceduri u hames snin wara li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali u ghalhekk ma jistax validament jigi sostnut li l-komportament taghha kien il-kawza tat-tkissir taz-zwieg jew ikkontribwixxa ghall-istess, ghax "il-mument li fih tigi intavolata l-kawza jiddefenixxi l-*punctum temporis*".

Din il-Qorti tibda billi tirribadixxi li, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti,

partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn dik il-Qorti kellha l-opportunita` li f'xi stadju tal-kawza tisma' lill-partijiet, sakemm ma jirrizultax xi zball manifest li jekk ma jigix rettifikat parti jew ohra ssofri ingustizzja. Izda, din il-Qorti, anke bhala qorti ta' revizjoni, xorta ghandha tezamina l-provi kollha akkwiziti sabiex tistabbilixxi jekk il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti kinitx wahda li dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha mill-provi.

Fil-kaz odjern din il-Qorti hi tal-fehma li, mill-provi akkwiziti hemm provi bizzejjed li fuqhom l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li "kien it-tradiment konjugali [tal-konvenut] li kien l-akbar[3] addebitu biex tfarrak iz-zwieg."[4] Mill-provi, senjatament mix-xiehda ta' Caroline Attard, jirrizulta li il-konvenut kien dahal f'relazzjoni extra-matrimonjali ma' din il-mara fiz-zmien tal-konvivenza matrimonjali li kompliet fl-apert u ssahhet wara li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali fis-27 ta' Novembru 2004. Ghalkemm din ix-xhud ma tammettix li r-relazzjoni taghha mal-konvenut bdiet qabel din id-data, l-ewwel Qorti kienet gustifikata li, fic-cirkostanzi tal-kaz, tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, partikolarment fid-dawl ta' dak li xehdet l-istess Caroline Attard meta qalet "Ghamilna qabza minn hbieb ghal relazzjoni f'Novembru/Dicembru 2005". Fil-fehma tal-Qorti hija ferm inverosimili t-tezi tal-konvenut li huwa beda r-relazzjoni extra-matrimonjali ezatt kif

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti
[4] Sentenza [supra]

telaq mid-dar matrimonjali. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkondividi d-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward.

Rigward **l-ewwel** aggravju tal-appell principali, din il-Qorti tikkondividi wkoll il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar id-dekadenza mid-dritt tal-manteniment applikata fil-konfront tal-attrici. Dak li pero` ma taqbilx mieghu din il-Qorti hu li, ghalkemm jirrizulta mill-provi komportament tal-attrici li ghandu jattira fil-konfront taghha l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1][d] tal-Kodici Civili, l-ewwel Qorti naqset milli tattribwilha tort ghas-separazzjoni.

Fir-rigward, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni legali li, d-dekadenza kontemplata fl-Artikolu 48[5] hija konsegwenzjali ghall-htija, anke fi grad sekondarju, ghas-separazzjoni; din hija penali li ssegwi l-htija ta' parti jew ohra, jew tat-tnejn, ghas-separazzjoni jew ghall-hlall taz-zwieg. Huwa relevanti dak li jghidu l-Artikoli 51 u 52 tal-Kodici Civili:

> "**51**. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40[6], tista' jkollha l-effetti imsemmija fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jgħoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."
>
> "**52**. Hu mħolli wkoll f'idejn il-Qorti li tiddeċiedi, skond iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx jgħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss,

[5] Dan l-artikolu fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk: "48 [1] Il-parti, ir-ragel jew il-mara illi tkun il-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 38 [adulterju] u 41 [abbandun] titlef: …….. [d] il-jedd li ggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kaz, li tatiha l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel iz-zwieg."
[6] Fosthom hemm indikat l-ingurja gravi.

> inkella, m'għandhomx jgħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħatja ta' egħmil li jagħti lok għal firda."

Din il-Qorti tibda billi tghid li tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li bil-komportament taghha, senjatament il-hbiberija li l-attrici dahlet ma' ragel iehor hames snin wara s-separazzjoni de facto, tikkostitwixxi ingurja gravi fil-konfront ta' zewgha fit-termini tal-Artikolu 40 b'mod li tattira l-applikazzjoni fil-konfront taghha tal-paragrafu [d] tas-subinciz [1] tal-Artikolu 48. Izda ma taqbilx mal-konvenut li hemm provi "skjaccanti" ta' relazzjoni adulteruza da parti taghha.

Mill-provi jirrizulta li, rizultat ta' investigazzjoni[7] li saret mill-investigatur privat inkarigat mill-konvenut, bejn il-perjodu tat-28 ta' Marzu 2009 sas-17 ta' Mejju 2009 l-attrici ttrattjeniet hbiberija ma' certu Jonathan Calleja, sal-grad li hi kienet tqatta' "hin estensiv"[8] fil-kumpanija tieghu u kif jirrizulta mix-xiehda tal-istess Jonathan Calleja f'sena l-attrici kienet qattghet lejl ghandu bejn 7 u 10 darbiet circa.[9] Din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward, jigifieri li *".. jekk m'hemmx adulterju l-atteggjament tal-attrici jwassal zgur ghall-konkluzjoni li hija kkommettiet ingurja gravi".* Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta, minkejja li ma qiesitx ir-relazzjoni li l-attrici kellha mal-imsemmi Jonathan Calleja bhala wahda adulteruza, qisitha bhala ingurja gravi tal-

---

[7] Vol. 3 Fols. 794 et u 807 et.
[8] Vol. 4 Fol. 844
[9] Vol. 6 Fol. 1440

grad li imponiet fuqha d-dekadenza mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48[1][d].

Is-sottomissjoni tal-attrici hija li l-komportament taghha ma jaqax fil-parametri tal-kontro-talba prezentata mill-konvenut stante li dak li sehh sehh wara l-prezentata tal-istess. Din il-Qorti tikkonsidra din is-sottomissjoni mhux sostenibbli stante li, minkejja li l-komportament tal-attrici sehh circa hames snin wara li l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali, dan il-fattur, ghalkemm huwa relevanti ghall-komputazzjoni tal-grad ta' htija ghas-separazzjoni, ma jezonerax lill-attrici kompletament mill-htija taghha ghas-separazzjoni ladarba fil-mori tal-proceduri jirrizulta provat wiehed mill-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40. Dan l-argument legali huwa msejjes fuq il-principju tal-*jus superveniens* li, permezz tieghu l-komportament tal-attrici ghandu jitqies bhala presuppost fattwali li jissodisfa dik il-parti tal-kontro talba tal-konvenut. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward.

Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hi tal-fehma li anke l-attrici, ghalkemm b'mod sekondarju hafna, ghandha ggorr parti mill-htija tas-separazzjoni.

Rigward id-data meta kkonfigurat l-ingurja gravi, jirrizulta li fis-sentenza appellata ma giet indikata ebda data, la meta bdiet ir-relazzjoni extra

matrimonjali tal-konvenut u lanqas meta sehhet l-ingurja gravi da parti tal-attrici. Ghalhekk ghandu jitqies li d-dekadenza bdiet tiddekorri b'effett mid-data tas-sentenza appellata. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward, tenut kont ukoll tal-fatt li ghat-tkissir taz-zwieg kien principalment jahti l-konvenut, filwaqt li l-komportament tal-attrici kien konsegwenzjali ghall-ingurja kbira sofferta minnha bir-relazzjoni adulteruza fil-berah li kien dahal fiha zewgha.

Dwar l-ilment relatat mal-ispejjez tal-proceduri odjerni, din il-Qorti ser titrattahom aktar 'il quddiem taht il-kap intestat *"Il-Hames Aggravju tal-Appell Incidentali".*

Ghaldaqstant ir-raba' aggravju tal-appell incidentali huwa gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u qed jigi hekk milqugh, filwaqt li l-ewwel aggravju tal-appell principali qed jitqies mhux gustifikat u qed jigi michud.

*Ir-raba' aggravju tal-appell principali u t-tieni u t-tielet aggravji tal-appell incidentali*

Dawn jirrigwardjaw certu aspetti tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti maghmula mill-ewwel Qorti kif stabbiliti fil-parti dispozittiva tas-sentenza li taqra hekk:

> "Fir-rigward tas-sitt talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna li jiġi assenjat lill-konvenut in-nofs indiviż tal-ispiżerija u l-klinika 155 u 154, Victory Street, l-Isla flimkien mal-kantina 10, Triq il-Kunċizzjoni, l-Isla, u l-appartament fit-tieni sular 102, Dawret ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar għall-valur ta' €199,500; lill-attriċi l-proprjetajiet l-oħra u ċjoe' x-showroom 177, Victory Street, l-Isla, l-appartament fl-ewwel sular Dawret ix-Xgħajra, Zabbar u l-garaxx fl-istess korp ta' bini li jiswew b'kollox €196,500. Ma' dawn, il-konvenut għandu jħallasha €1,500 bħala ekwiparazzjoni mal-kuntratt tal-qasma.
>
> Il-vettura Hyundai Coupe DOT-800 tiġi assenjata lill-konvenut filwaqt li n-Nissan Terrano IBB-534 lill-attriċi; il-kontijiet kollha bankarji lokali f'isem il-partijiet u dawk intestati konġuntivament, kif ukoll, bonds, poloz ta' assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta kemm f'isem il-partijiet waħedhom jew konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejn il-partijiet; tassenja lill-attriċi l-mobbli fil-pussess tagħha billi parafernali tagħha; tordna lill-konvenut biex fi żmien tlett xhur iħallas ukoll lill-attriċi bħala kumpens għall-benefikati s-somma ta' €20,897.50 flimkien mas-somma ta' €34,674.77 għar-raġunijiet indikati taħt il-kap intestat *ħlasijiet oħra dovuti*; f'każ li dawn il-ħlasijiet ma jsirux fiż-żmien imsemmi jiddekorri imgħax legali minn dakinhar li jkunu dovuti. Il-mobbli ndikati a fol 2528 u 2529 bl-ittri minn 'a' sa 'o' li jinsabu fid-dar konjugali għandhom jinbiegħu bis-subasta wara d-debita stima li issir minn stimatur li jiġi nominat mill-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet. Dejn mal-H.S.B.C. għandu jitħallas mill-partijiet f'ishma indaqs; djun oħra li saru mill-partijiet għandhom jiġu mħallsa mill-parti li għamlithom."

Fir-**raba'** aggravju tal-appell principali taghha l-attrici taghmel diversi ilmenti li jirrigwardjaw l-allegazzjoni taghha li l-ewwel Qorti naqset milli tinkludi fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti s-segwenti d-dhul minnn kirijiet fuq l-immobbli, matul iz-zwieg; il-washrooms bl-arja sovrastanti, id-depozitu percepit mill-konvenut fuq konvenju, il-lawdemju percepit minnu mal-bidla fl-inkwilinat tal-ispizerija, il-vettura Toyota nru. DBX 252, l-ghamara ezistenti fil-maisonette bl-isem 'Louise' Strada

Orlando, Zabbar, somma rapprezentanti spejjez medici tal-minuri, flus kontanti allegatament mehuda meta l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, l-ammont rapprezentanti arretrati ta' hlasijiet tal-licenzja ghas-swimming pool li tinsab fid-dar matrimonjali.

Imbaghad l-attrici tkompli billi tispjega fejn ma qablitx mal-"pjan ta' qasma addottata mill-ewwel Qorti".

[1] Dwar id-dhul mill-kirijiet din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-ispizerija[10] go Victory Street l-isla hija mikrija versu l-kera ta' €9.32 kuljum, is-showroom[11] go l-istess triq hija mikrija €5.24 kuljum u l-kantina fi Triq il-Kuncizzjoni hija mikrija €233 fis-sena. Jirrizulta wkoll li wara li l-konvenut telaq mid-dar, minkejja li dan l-introjtu huwa parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-kera baqghet tigi percepita minnu u hu m'ghadda xejn minnha lill-attrici. Jigi wkoll osservat u ikkonsidrat li, ladarba ma jirrizultawx provi li juru l-kuntrarju, dawn il-kirjiet ghandhom jitqiesu li ghadhom vigenti.

Din il-Qorti, fil-komputazzjoni tal-ammont ta' kera percepita mill-konvenut wahdu ser tiehu l-perjodu ta' 11-il-sena[12]. Ghalhekk dwar l-kera mill-ispizerija l-ammont golbali huwa ta' €37,419.08[13]; dwar il-kera

[10] Ara affidavit Arlette Falzon Vol. 4 – Fol. 944
[11] Ara depozizzjoni Charles Galdes Vol. 2 – Fol. 571
[12] Mis-27 ta' Novembru 2004 sas-27 ta' Novembru 2015
[13] €9.32 x 365 [sena] x 11[snin] = €37,419.8

pecepita minnu ghas-showroom u ghal kantina, din tammonta ghas-somma globali ta' €23,611.63[14] - B'kollox is-somma ta' €61,030.71[15] li nofsha tappartjeni lill-attrici bhala sehma tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk huwa dovut lill-attrici mill-konvenut, is-somma ta' **€30,515.35** u mhux is-somma ta' €15,000 kif indikat fis-sentenza appellata.

Rigward il-fondi l-ohra, il-Qorti tosserva li ma jirrizultax provat li dawk il-fondi huma mikrija. Tissenjala wkoll li dak li qal il-konvenut fir-risposta[16] tieghu ghar-rikors prezentat minnu fis-7 ta' Settembru 2012 ma jirrizultax konfermat bil-gurament u, ghalhekk ma jistax jitqies bhala prova valida.

[2] Dwar il-washrooms u l-arja sovrastanti, id-depozitu fuq il-konvenju, il-lawdemju, il-vettura Toyota, l-ghamara fil-fond Louise, flus kontanti mehuda mill-konvenut u l-arretrati tal-licenzja ghas-swimming pool.

L-attrici tilmenta li fis-sentenza appellata ma gewx imsemmija l-washrooms u l-arja sovrastanti il-fond 80/81 Dawret ix-xatt, Xghajra li jikkonsisti f'garage, appartament fl-ewwel sular u appartament fit-tieni sular. Tissottometti li l-appartament fl-ewwel sular ghandu jinkludi washroom wahda u nofs indiviz tal-bejt u l-arja, filwaqt li l-appartament fit-tieni sular ghandu jitqies li jinkludi l-washroom l-ohra u nofs indiviz l-

[14] €5.24 x 365 [sena] + €233 [kera annwali tal-kantina] x 11 [snin] = €23,611.63
[15] €37,419.08 + €23,611.63
[16] Vol. 5 – Fol. 1250

iehor tal-bejt u tal-arja. Il-konvenut jissottometti li dawn ma ssemmew qatt fl-atti tal-kawza, izda jekk verament dawn jezistu, allura jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u issa jibqghu jappartjenu indivizament u kommunament liz-zewg kontendenti; l-istess fir-rigward tat-tromba tat-tarag intern u partijiet ohra komuni tal-korp fejn jinsabu dawn l-appartamenti.

Din il-Qorti hija tal-fehma li safejn hu possibbli bil-gudizzju odjern ghandhom jinqatghu l-vertenzi kollha rigwardanti l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u m'hu ta' gid ghal hadd li jibqghu pendenzi imdendlin partikolarment fil-kaz odjern fejn il-partijiet ikkuntrastaw lil xulxin f'kollox, anke, fil-fehma ta' din il-Qorti fejn is-soluzzjoni hija ovvja. Ghalhekk rigward il-washrooms il-Qorti tordna li dawn ghandhom jigu assenjati permezz ta' polza liz-zewg partijiet sabiex il-washroom ta' kull parti tigi defenita. In kwantu ghall-bejt u l-arja, din il-Qorti tosserva li m'hu fl-interess ta' ebda parti li dawn jibqghu biex jinqasam ir-rikavat, u ghalhekk, fir-rigward din il-Qorti tistabbilixxi li nofs indiviz tal-bejt u tal-arja jkun jappartjeni lill-attrici filwaqt li n-nofs l-iehor ikun jappartjeni lill-konvenut.

Dwar <u>id-depozitu</u> ta' €13,976.24 li l-konvenut kien irceva fuq konvenju li kien sar fis-sena 2004, l-attrici tghid li hi "m'hijiex qed tippretendi nofs il-hlas ta' dan id-depozitu izda ladarba ma hemmx evidenza li dan thallas

lura, hija ghandha tippercepixxi il-frott tal-istess pagament skont l-Artikolu 1320 [b] tal-Kodici Civili.  Minn naha tieghu l-konvenut isostni li wara l-gheluq tal-provi l-attrici "zelqet" kopja tal-konvenju fl-atti tal-kawza u ghalhekk ma kellux l-opportunita` li jressaq provi fir-rigward.  Minbarra hekk huwa jissenjala li l-konvenju kien skada snin ilu u l-kuntratt ma sehhx u ghalhekk huwa kien radd lura d-depozitu lix-xerrej prospettiv. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-provi huma skarsi u m'humiex tali li jsostnu sodisfacentement il-pretensjoni tal-attrici.

Dwar <u>il-lawdemju</u> fl-ammont ta' €4,658.75 l-attrici ssostni li dan thallas mat-trasferiment tal-inkwilinat tal-izpizerija minn Victor Cutajar ghal Delta Pharm u minn Delta Pharm ghal Arlette Falzon u ghalhekk qed tippretendi nofs l-imsemmi ammont; minn naha tieghu l-konvenut jghid li mhux minnu li kien thallas lawdemju meta inbidel l-inkwilinat tal-ispizerija u fi kwalunkwe kaz ma tressqux provi fir-rigward.  Din il-Qorti tosserva li l-konvenut ghandu ragun jghid li ma tressqux provi fir-rigward.

Dwar <u>il-vettura Toyota</u> numru DBX 252, l-attrici tghid li din kienet giet akkwistata mill-konvenut fil-mori tal-proceduri ghall-prezz ta' €10,500, u ghalhekk tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti b'mod li allura hi intitolata ghal nofs il-valur taghha.  Minn naha tieghu l-konvenut isostni li dik il-vettura ma kienet qatt giet akkwistata minnu peress li l-attrici kienet qed

topponilu li jbiegh il-vettura Honda. Din il-Qorti tosserva li anke fir-rigward ma tressqux provi sodisfacenti li jsostnu l-pretensjoni attrici. Hija tirreferi ghal dik il-parti tal-inkartament a fol. 2,146 li hija r-risposta tal-konvenut ghar-rikors prezentat minnha minn fejn jirrizulta li, apparti li dawk l-atti, inkluzi r-ritratti mehuda, ma gewx konfermati bil-gurament, ma hemmx provi sodisfacenti li juru li l-vettura Toyota, anke jekk f'xi zmien setghet kienet fil-pussess tal-konvenut, hija fil-fatt registrata fuq ismu.

Dwar l-ghamara ezistenti fil-fond 'Louise' Orlando Zabbar, Xghajra, l-attrici tghid li l-ewwel Qorti ma haditx kont tal-ghamara li kienet tinstab fiha u li kienet giet akkwistata fiz-zwieg. Fl-appell taghha hija telenka din l-ghamara, u ssostni li uhud minn dawk l-oggetti kienu ttiehdu mill-konvenut u hi ma haditx sehemha minn dawn l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Tippretendi li dawn l-oggetti ghandhom jigu stmati u nofs il-valur taghhom jigi rifuz lilha. Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jammetti li huwa ha biss linfa u zewg brazzi, isostni li l-attrici, li kellha access shih ghal post, hadet il-kumplament tal-ghamara tant li jghid li meta nzamm l-access peritali huwa skopra li l-fond kien tbattal ghal kollox mill-ghamara.

Din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tikkondividi dik il-parti tar-relazzjoni tal-perit legali paragrafu 31 fol. 2529 fejn gie ordnat li l-oggetti indikati fl-

istess paragrafu jinbieghu u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti ugwali.

Dwar is-somma ta' €1,783.80 l-ispejjez medici tal-minuri, l-attrici tghid li, ghalkemm kien inghata digriet li permezz tieghu l-konvenut kien ordnat ihallas dan l-ammont u, minkejja li ttiehdu passi ta' disprezz kontra tieghu talli naqas milli jottempera ruhu ma' l-ordni tal-Qorti, huwa xorta wahda ghadu ma rrifondiex dan l-ammont lill-attrici. Minn naha tieghu l-konvenut jghid li m'huwiex minnu li hu ma hallasx dan l-ammont u li hu dejjem hallas il-manteniment inkluzi l-ispejjez medici u edukattivi pagabbli minnu skont id-digriet tal-Qorti.

Din il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' April 2011[17] li permezz taghha l-konvenut kien gie immultat €1,300 talli naqas milli jobdi l-ordni tal-Qorti tal-Familja kontenuta fid-digriet tat-2 ta' Awwissu 2006. Rat ukoll li dik is-sentenza ma tidhirx li kienet appellata. Din il-Qorti tosserva li, fin-nuqqas ta' prova cara da parti tal-konvenut li huwa fil-fatt kien ottempera ruhu mad-dettami tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti, ghandha tqies dan il-parti tal-aggravju gustifikat u, konsegwentement tordna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici s-somma fuq indikata ta' €1,783.80.

[17] Nru 162/2007

Dwar is-somma ta' €11,647, l-attrici tilmenta li s-sentenza appellata ma qisietx l-allegazzjoni taghha li, meta l-konvenut telaq mid-dar konjugali hu kien ha mieghu flus kontanti fl-imsemmi ammont li kienu jinstabu fid-dar konjugali. Tghid li hi kienet ikkonfermat din l-allegazzjoni bil-gurament, u li din ma kinitx kontrastata mill-konvenut. Issostni li, ladarba mill-provi ma jirrizultax li dan l-ammont kien proprjeta` parafernali tal-konvenut, allura hi ghandha dritt ghal nofs, jigifieri €5,823.5. Minn naha tieghu l-konvenut jghid li, ghalkemm din l-allegazzjoni tal-attrici kienet saret darba biss fil-bidu tal-proceduri, qatt ma regghet issemmiet "fis-sittax ir-rikors jew risposta" illi saru tul il-proceduri, u di fatti ma tressqu ebda provi fir-rigward.

Din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li fl-affidavit taghha hija tinkludi l-imsemmija somma ta' €11,647 [gja` Lm5,000][18] u tghid li dik is-somma kienet ttiehdet mill-konvenut meta dan telaq mid-dar konjugali. Ghalhekk, kif ukoll ghall-fatt li din il-prova ma gietx kontradetta, din il-Qorti tosserva li hija verosimili l-allegazzjoni attrici li qabel ma l-konvenut telaq mid-dar konjugali, biex ikompli fl-apert relazzjoni extra matrimonjali, huwa ha mieghu l-flus kontanti li kien hemm fid-dar matrimonjali. Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-allegazzjoni attrici hija provata u l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici nofs l-imsemmi ammont, li jekkwivali ghas-somma ta' €5,823.50

[18] Vol. 1 Fol. 85

Dwar l-ammont ta’ €2,369.64, l-attrici tghid li dan jirrapprezenta arretrati ta’ drittijiet ta’ licenzja ghas-swimming pool li tinstab fid-dar matrimonjali, liema ammont huwa pagabbli mill-konvenut lill-Awtorita` ta’ Rizorsi f’Malta.  Minn naha tieghu l-konvenut jghid li dawn l-ispejjez kienu gew ikkonsidrati mill-ewwel Qorti meta ikkomputat il-manteniment dovut minnu lill-attrici, anke tenut kont tal-fatt li s-swimming pool kienet mehtiega minhabba l-kundizzjoni medika tat-tieni wild tal-partijiet.  Jghid li din il-pretensjoni ssemmiet darba biss u ma regghetx issemmiet fil-kors tal-kawza.  Il-konvenut jilmenta li l-attrici qed titolbu jhallas l-ispejjez tal-licenzji in kwistjoni ghas-swimming pool “ghaz-zmien meta hija kienet – ad eskluzjoni tal-appellat – tgawdi dik id-dar”.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-attrici baqghet “tgawdi” ad eskluzjoni tieghu d-dar matrimonjali, kien dovut ghall-fatt li l-konvenut deherlu li kellu jabbanduna l-familja tieghu biex ikompli fl-apert relazzjoni extra-matrimonjali, u ghalhekk, it-tgawdija da parti tal-attrici u ta’ uliehdom tas-swimming pool installata fid-dar konjugali ad eskluzjoni tieghu kienet ghazla libera tieghu.  Fit-tieni lok, pero` din il-Qorti tosserva li dan kien dejn tal-komunjoni li thallas mill-attrici mill-flus tal-komunjoni u, allura ghal beneficju tal-komunjoni, u ghalhekk, la darba ma jirrizultax li dan kien thallas bi flus parafernali tal-attrici, mhux dovut xejn lill-attrici fir-rigward.

Rigward il-pjan ta' qasma tal-immobbli imfassal fis-sentenza appellata, l-attrici tilmenta li dan huwa ta' pregudizzju ghaliha ghax ma jaghtix kont tal-ansjeta` li johloq lilha u lill-ulied tal-partijiet il-fatt li zewgha wkoll, bhala wiehed mill-proprjetarji tal-appartamenti, ser ikollu d-dritt li juza l-partijiet komuni fejn hemm l-appartament assenjat lilha. Hi qed tipproponi li jigu assenjati lilha l-garage, flimkien maz-zewg appartamenti sabiex hi tkun tista' tniffidhom u jkollha spazju akbar fejn tghix ma' wliedha. Tissenjala li l-konvenut jista' jibqa' jghix komdu fid-dar li kienet isservi bhala d-dar matrimonjali.

Din il-Qoti ma taqbilx ma' din il-parti tal-aggravju tal-attrici, u dan ghar-ragunijiet segwenti. Li l-imsemmi garage u zewg appartament bil-washrooms u bl-arja fuqhom ghandhom valur komplessiv ta' €360,000, filwaqt li l-kumplament tal-fond immobbli, jigifieri is-showroom, il-kantina, u nofs indiviz[19] tal-ispizerija u tal-klinika ghandhom valur komplessiv ta' €49,500[20]. Din il-Qorti tara li hemm disparita` kbira bejn il-valuri b'mod li l-pjan ta' qasma kif stabbilit fis-sentenza appellata jaghmel aktar sens u jaqsam il-gid tal-komunjoni b'mod aktar realistiku u gust.

Rigward l-ilment tal-attrici dwar l-uzu tal-partijiet komuni mill-konvenut li gie assenjat lilu wiehed mill-appartamenti, jigifieri l-appartament fit-tieni sular, din il-Qorti tosserva li, kemm-il darba l-attrici thossha skomda

[19] In-nofs indiviz l-iehor jappartjeni lill-konvenut bhala proprjeta` parafernali tieghu, stante li kien xtrah qabel ma zzewweg lill-attrici.
[20] €40,000 + €4,500 + [1/2 ta' €85000] + [1/2 ta' €15,000] = €49,500

b'dan il-fatt, allura hija dejjem tista' tiddisponi mill-appartament assenjat lilha u takkwista post iehor band'ohra fejn tkun tista' tghix; multo magis, meta jigi ikkonsidrat li t-tfal huma ta' eta` li, ghajr forsi ghall-aspett finanzjarju, huma independenti u eventwalment jispiccaw jghixu ghal rashom. Izda zgur li l-ansjeta` li tilmenta minnha l-attrici ma tistax tiggustifika li hi tiehu korp ta' proprjeta` b'avarija minn dik li tippretendi li jiehu l-konvenut fl-ammont ta' €310,500.

Mill-banda l-ohra hija gusta l-pretensjoni attrici li l-fond assenjat lilha jkun vakant, tenut kont tal-fatt li l-ewwel Qorti ma qisietx jekk dan kienx mikri b'kirja protetta. Ghalhekk il-Qorti ser tordna li dan l-appartament fl-ewwel sular ghandu jigi assenjat lilha battal u s-sena li fiha l-istess attrici ghandha dritt tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut ghandha tibda tiddkorri mid-data li dan l-appartament jitbattal. Din l-ordni ser tinghata sabiex meta l-attrici tivvaka l-fond li kien iservi bhala d-dar matrimonjali hija jkollha fejn tmur toqghod.

Ghaldasqstant dan ir-raba' aggravju tal-appell principali hu fondat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premess u qed jigi limitatament milqugh.

Fit-**tieni** aggravju tal-appell incidentali tieghu, il-konvenut jaghmel diversi ilmenti bazati fuq il-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni u tal-gid komuni tal-partijiet. Huwa jilmenta minn dik il-parti tad-dispozittiv

tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ikkundannatu jhallas is-somma komplessiva ta' €34,674.77 rapprezentanti inkwantu ghall-ammont ta' €15,000 sehem l-attrici mill-ammont tal-kirjiet percepit u mizmum mill-konvenut tul is-separazzjoni *de facto* u, in kwantu ghall-ammont ta' €19,647.77 rapprezentanti r-rikavat globali mill-bejgh tal-vettura, tal-lanca u tal-polza tal-assikurazzjoni, liema rikavat kellu b'ordni tal-ewwel Qorti jigi impjegat sabiex jithallsu l-mizati tal-iskola tat-tfal u ghalhekk biex l-Qort "tassigura li t-tfal jibqghu jattendu l-iskola fejn kienu jmorru".[21]

Rigward l-ammont ta' €15,000, il-Qorti taghmel referenza ghal dak gja` deciz, fis-sens li s-sehem tal-attrici mill-kirijiet jammonta ghal **€30,515.35**, u ghalhekk dan l-ilment diga` gie indirizzat aktar 'il fuq mal-ilment tal-attrici.

Rigward l-ammont ta' €19,647.77[22] din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti laqghet is-sottomissjoni tal-attrici, li, minkejja li l-bejgh ta' dawk l-oggetti kien sar sabiex jithallsu l-mizati tal-iskejjel tat-tfal, dawk il-htigijiet kellu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut minghajr il-htiega tal-bejgh li sar. Minn naha tieghu l-konvenut spjega dettaljatament kif nefaq il-flus derivanti mil-likwidazzjoni tal-polza.  Jghid li dawn huma spejjez li saru

---

[21] Sentenza appellata

[22] Dan l-ammont jirrapprezenta nofs ir-rikavat mis-segwenti: €5,823.50 rikavat mill-bejgh tal-lanca, €1,747 mill-bejgh tal-vettura Maruti u €12,104.27 mill-inkass tal-polza tal-assikurazzjoni.

ghall-beneficju tal-komunjoni u biex jigu sodisfatti parzjalment djun tal-komunjoni.

Il-konvenut jispjega kif impjega s-somma ta' €24,208.45 rapprezenti s-somma likwidata mill-inkass tal-polza. Huwa jghid li: hallas €4,893 [gja` Lm2,100] biex gew saldati l-mizata tal-iskola tat-tfal u tat-trasport taghhom; hallas €10,165.48 [gja` Lm4,362.87] biex gie saldat il-kont nru. 088 140520 320 mal-Bank HSBC gravanti l-komunjoni tal-akkwisti; hallas €9,087 [gja` Lm3,900] akkont ta' dejn iehor mal-istess Bank riferribilment ghall-kont nru. 160 403 67, gravanti lill-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant jghid il-konvenut li l-ammonti ta' €10,165.48 u ta' €9,087, b'kollox €19,252.48 gew impjegati minnu sabiex jigu mhallsa djun tal-komunjoni fl-interess tal-istess komunjoni u ghalhekk nofs is-somma ta' €19,252.48, jigifieri €9,623.65 ghandha titnaqqas mis-somma li l-ewwel Qorti iddecidiet li hu ghandu jhallas lill-attrici.

Ikompli jispjega li mis-somma ta' €4,893 mhallsa lill-iskola, €676.88 kien hlas ghat-trasport tal-iskola li, "skont id-digriet prevalenti" kienu pagabbli mill-attrici u ghalhekk dan il-pagament kien sar ghal beneficju tal-attrici; filwaqt li r-rimanenti €4,216.12 kien hlas tal-mizata tal-iskola. Ghalhekk huwa dovut lill-attrici biss nofs id-differenza ta' bejn €4,893 u €676, jigifieri €2,108.06.

Fir-rigward din il-Qorti taqbel mar-risposta tal-attrici fejn din issenjalat li, ladarba r-rikavat mill-bejgh tal-vettura u tad-dghajsa u mill-likwidazzjoni tal-polza kellu jigi impjegat sabiex jithallsu l-ispejjez edukattivi tat-tfal, il-konvenut ma kienx liberu li jimpjega r-rikavat xort'ohra. Fil-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2006 il-partijiet lahqu ftehim li *"id-dghajsa tinbigh u l-polza ta' assikurazzjoni tigi msarrfa u r-rikavat applikat fil-hlas tal-edukazzjoni tal-minuri"*[23]. Dan il-verbal, li fil-ligi ghandu l-forza ta' kwazi kuntratt, jobbliga liz-zewg partijiet fil-limiti tat-termini tieghu u ghalhekk l-konvenut ma setax jiddipartixxi mit-termini tal-verbal u ma kellux dritt li juza r-rikavat biex ihallas dejn minkejja li dan kien gravanti l-komunjoni tal-akkwisti.

Rigward l-ispejjez tat-trasport, apparti mill-fatt li d-digriet moghti fit-8 ta' Ottubru 2009 li stabilixxa li l-ispejjez tat-trasport tat-tfal ghall-iskola kellhom jithallsu mill-konvenut b'effett mid-9 ta' Lulju 2009, din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont li l-attrici ma kinitx tahdem barra mid-dar u ghalhekk ma kellhiex introjtu jew jekk kienet taghmel xi xoghol dan kien b'introjtu limitat, u wkoll, tenut kont tal-fatt li l-introjtu tal-konvenut mill-professjoni tieghu huwa wiehed sostanzjali, l-ispejjez tat-trasport kellhom jithallsu mill-konvenut biss.

[23] Vol.2 – Fol.298

Ghaldaqstant dan it-tieni aggravju tal-appell incidentali huwa infondat u qed jigi michud.

Illi **fit-tielet** aggravju tieghu l-konvenut isemmi krediti allegatament appartenenti lilu li skont hu gew eskluzi fis-sentenza appellata. Dawn huma [a] id-djun gravanti l-komunjoni li thallsu parzjalment fil-mori tal-kawza u, [b] l-ammont ta’ €36,000 rapprezentanti spejjez li nefaq sabiex attrezza u irrenda abitabbli l-fond 102 Dawret ix-Xatt, Xghajra, liema somma huwa kien issellef minghand ohtu u r-ragel taghha, Sarah u Vincent, konjugi Pulis.

Rigward id-djun tal-komunjoni mhallsa minnu, il-konvenut isostni li wara l-1 ta’ Gunju 2009 meta l-attrici ikkommettiet adulterju, din m’ghandhiex tibbenefika mill-pagamenti maghmula minnu wara dik id-data. Din il-Qorti tosserva li din il-parti tal-aggravju ma tregix, kemm ghax kif fuq gja` spjegat id-dekadenza bdiet tghodd mid-data tas-sentenza appellata fit-23 ta’ Ottubru 2015, kif ukoll ghax id-dekadenza fil-konfront tal-attrici, stabbilita mill-ewwel Qorti, giet korrettament limitata biss ghad-dekadenza mid-dritt taghha li tesigi manteniment minn ghand zewgha l-konvenut, jigifieri hija limitata ghall-paragrafu [d] tas-subinciz [1] tal-Artikolu 48 fuq citat. Ghar-ragunijiet fuq spjegati din il-Qorti taqbel ma’ din il-parti tas-sentenza appellata.

L-istess konsiderazzjonijiet u konkluzjoni tapplika ghall-ispejjez inkorsi mill-konvenut sabiex irrenda abitabbli ghalih il-fond fuq indikat formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk anke dan l-ilment tieghu huwa insostenibbli, apparti mill-konsiderazzjoni ulterjuri li ghas-self li l-konvenut jghid li kien ha minghand ohtu u zewgha, dan kien sar ad insaputa tal-attrici u allura minghajr il-kunsens taghha.

Ghaldaqstant it-tielet aggravju tal-appell incidentali m’huwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-tielet aggravju tal-appell principali tal-attrici*

Permezz ta’ dan l-aggravju l-attrici qeghda tilmenta li, minkejja li l-ewwel Qorti applikat fil-konfront tal-konvenut l-Artikolu 48 fuq citat, fl-intier tieghu, dik il-Qorti “ma attwatx” is-sanzjoni prevista fis-sub-inciz [c] tal-istess artikolu.

Hija fissret hekk l-aggravju:

> “….L-Ewwel Qorti ma tatx il-piz mehtieg ghall-fatt li l-esponenti ma hadmitx ghaliex meta qabel iz-zwieg kienet bdiet taghmel kors tal-hairdressing kien waqqafha l-intimat ghaliex riedha mara tad-dar; u hekk ghamlet f’dawn l-ahhar ghoxrin sena – l-esponenti ddedikat hajjitha ghall-familja u ghat-tfal [anke] wara li telaq zewgha mid-dar matrimonjali.

> "L-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li dak li wettqet l-esponenti huwa kontribut siewi hafna u jitqies bhala kontribut fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kodici Civili…
>
> "Fic-cirkostanzi … l-Ewwel Qorti kellha tirrifletti l-komminazzjoni prevista fl-artikolu 48[c] billi tiddikjara li l-intimat tilef il-jeddijiet ghan-nofs tal-akkwisti".

Din il-Qorti tosserva li s-sub paragrafu [c] tas-subinciz [1] tal-artikolu precitat jikkontempla t-telf ta' nofs l-akkwisti li "jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tigi kkunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda".

Fil-kaz in kwistjoni, anke jekk kellha tittiehed id-data tal-24 ta' Novembru 2004, li hija d-data meta l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, bhala d-data li fiha hu rrenda ruhu hati tal-firda, xorta wahda dan l-ilment ma jistax jigi kkonsidrat b'success fl-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni, peress li sa dik id-data l-assi tal-komunjoni partikolarment l-immobbli kienu diga gew akkwistati u, wara dik id-data, ma gie akkwistat xejn bil-hidma jew bl-ghajnuna tal-attrici, *multo magis* kkonsidrat ukoll il-fatt li sa dik id-data t-tfal kienu diga kibru u ghalhekk il-kontribut taghha ghat-trobbija taghhom kien diga nghata.

Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju tal-appell principali tal-attrici u l-ewwel aggravju tal-appell incidentali tal-konvenut*

Dawn jirrigwardjaw dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti awtorizzat lill-attrici sabiex din tibqa' tokkupa d-dar matrimonjali b'eskluzjoni tal-konvenut ghal zmien sena.

L-attrici ssostni li, minn naha wahda tenut kont tal-fatt li l-konvenut gie misjub mill-ewwel Qorti unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u li hi m'ghandhiex post alternattiv fejn tmur toqghod flimkien mat-tfal taghha u, minn naha l-ohra tenut kont tal-fatt li l-konvenut ghandu post alternattiv fejn ilu jirrisjedi minn Novembru 2004 flimkien mal-imsemmija Catherine Attard, hija kellha tigi awtorizzata tibqa' tghix fid-dar konjugali bl-eskluzjoni ta' zewgha *vita natural durante*.

Minn naha tieghu l-konvenut jilmenta li l-ewwel Qort ma kellhiex taghti lill-attrici perjodu ta' zmien sabiex tivvaka d-dar matrimonjali li hi proprjeta` parafernali tieghu, u dan tenut kont tal-fatt li l-attrici ilha tokkupa u tghix fid-dar ghal dawn l-ahhar 11-il sena pendenti l-proceduri odjerni.

Fir-rigward din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament u l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti, u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Fl-ewwel lok, ghax huwa minnu li l-attrici baqghet tokkupa l-fond matrmonjali flimkien mat-tfal taghha tul il-proceduri odjerni, jigifieri ghal perjodu twil hafna u, fit-tieni lok ghax anke hi irrendiet ruhha hatja tas-separazzjoni bil-komportament taghha fil-mori tal-kawza. Ghalhekk il-perjodu ta' sena, li l-attrici giet akkordata mill-ewwel Qorti biex tivvaka l-fond proprjeta` tal-konvenut u li ghandu jibda jiddekorri mid-data li fiha l-konvenut jikkonsenja lill-attrici c-cwievet tal-post vakant li gie assenjat lilha b'dan il-gudizzju, jikkostitwixxi bilanc gust fejn l-interessi proprjetarji tal-konvenut u l-esigenza tal-attrici li din issib post alternattiv fejn tabita.

Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji m'humiex gustifikati u qed jigu michuda.

*Il-hames aggravju tal-appell incidentali*

Dan jirrigwardja l-akkollament tal-ispejjez tal-kawza. Il-konvenut isostni li dawn l-ispejjez m'ghandhomx jigu sopportati kollha minnu, u dan stante li kienet l-attrici li, "komda fil-hlas tal-manteniment u l-godiment tad-dar konjugali – gebbdet dawn il-proceduri indefinittivament". Jissottometti li "it-tort tal-kontroparti ma hijiex licenzja lill-parti l-ohra li tutilizza l-proceduri bhala tentattiv ta' arrikkiment indebitu li jwassal ghal konsum inutili ta' zmien tal-qrati".

Fir-rigward din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li mill-atti jirrizulta li matul il-proceduri kienu saru diversi rikorsi da parti tal-attrici peress li l-konvenut ma kienx ihallas il-manteniment shih dovut minnu skont id-digriet tal-ewwel Qorti, sahansitra dik il-Qorti kienet ordnat li jittiehdu, u fil-fatt ittiehdu, kontra l-konvenut proceduri ghad-disprezz li gew konkluzi bis-sejbien ta' htija da parti tieghu u anke kien gie immultat somma sostanzjali. Ghalhekk huwa tal-misthija li l-konvenut jipprova jattribwixxi xi htija lill-attrici fir-rigward, jew li jsostni li l-attrici kienet komda tgawdi l-manteniment u d-dar konjugali. Dan qed jinghad ghax, waqt li l-attrici kienet tpoggiet fis-sitwazzjoni li kienet kostretta tibda l-proceduri odjerni, huwa kien baqa' ghaddej bir-relazzjoni adulteruza ma' Catherine Attard.

Fit-tieni lok, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha dwar ir-raba' aggravju tal-appell incidentali u l-ewwel aggravju tal-appell principali u terga' tosserva li anke l-attrici, bil-komportament taghha <u>matul il-proceduri</u>, irrendiet ruhha hatja peress li tat lok ghall-ezistenza ta' fattur li skont il-ligi jaghti lok ghal firda, izda mill-atti jirrizulta manifest li t-tort principali ghas-separazzjoni u <u>li tat lok ghall-proceduri odjerni</u> kien proprju r-relazzjoni adulteruza da parti tal-konvenut fis-sena 2004 u mhux l-ingurja gravi kommessa mill-attrici erba' snin wara li bdew il-proceduri. Kien il-komportament abbuziv tal-konvenut li wassal lill-attrici f'sitwazzjoni fejn kellha tistitwixxi l-proceduri odjerni. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ispejjez gudizzjarji relatati mal-

ewwel istanza ghandhom jibqghu kollha a kariku tal-konvenut kif deciz mill-ewwel Qorti.

Kif osservat minn din il-Qorti fil-kompetenza inferjuri taghha fil-kaz **Chetcuti v. Citadel Insurance**, deciz fil-15 ta' Frar 2006[24]: "ma tezisti ebda norma ta' dritt talment tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix li f'certi kazi l-Qorti adita li tippresta l-gudizzju taghha dwar il-kap tal-ispejjez bil-mod kif il-kaz b'konsiderazzjoni maturata jkun hekk koxjenzjozament jiddettalha".

Ghaldaqstant dan l-aggravju m'huwiex gustifikat u qed jigi michud.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell principali u l-appell incidentali limitatament kif ser jinghad:

[a] tiddikjara li l-attrici hi responsabbli ghall-hall taz-zwieg sekondarjament, filwaqt li r-responsabbilita` principali tibqa' tirrisjedi fuq il-konvenut;

[b] tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie stabbilit li sehem l-attrici mill-kirjiet tal-fondi tal-komunjoni jammonta ghal hmistax-il elf euro (€15,000) u minflok, tistabbilixxi l-ammont dovut lilha minn dawk il-

[24] Citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fil-kaz App. S 149/2006 **Maria Spiteri v. John Martin** deciz 27 Frar 2015

kirjiet fis-somma ta' tletin elf, hames mija u hmistax-il euro u hamsa u tletin centezmu (€30,515.35) u, ghalhekk l-ammont ta' erbgha u tletin elf, sitt mija u erbgha u sebghin euro u sebgha u sebghin centezmu (€34,674.77) indikat fil-parti dispozittiva tas-sentenza ghandu jizdied ghal hamsin elf, mija u disghin euro u tnax-il centezmu [€50,190.12][25]; inoltre, tordna li nofs il-kera percepita mill-konvenut mit-2 ta' Novembru 2015 sad-data ta' din is-sentenza tigi mghoddija minnu lill-attrici;

[c] tordna li wahda miz-zewg washrooms fuq il-bejt tal-fond 102 Dawret ix-Xghajra Zabbar tinghata permezz ta' polza lil kull parti, filwaqt li l-Qorti tiddikjara li kull parti ghandha wkoll nofs indiviz tal-bejt u tal-arja tal-imsemmi fond;

[d] tordna li l-mobbli indikati fil-paragrafu 31 tar-rapport tal-perit legali a fol. 2,528 jigu stmati u mibjugha bl-istess mod li l-ewwel Qorti ordnat li nbieghu l-mobbli a fols. 2,528 u 2,529 taht il-partiti [a] sa [o];

[e] tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf, seba' mija tlieta u tmenin euro u tmenin centezmu [€1,783.80] spejjez medici tat-tfal, allura minorenni;

[f] tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u hamsin centezmu [€5,823.50] sehemha mill-flus kontanti mehuda mill-konvenut meta telaq mid-dar konjugali;

[25] €30,515.35 - €15,000 = €15,515.35 + €34,674.77

[g] tordna li l-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-appartament battal li qieghed fl-ewwel sular tal-fond 102 Dawret ix-Xghajra, Zabbar li gie assenjat lilha mill-ewwel Qorti;

[h] tordna li s-sena li fiha l-attrici hi awtorizzata li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' zewgha tibda tiddekorri mid-data li fiha c-cwievet tal-imsemmi fond battal jigu konsenjati lilha mill-konvenut;

Tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjez relatati mal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kollha a kariku tal-konvenut, filwaqt li kull parti tbati l-ispejjez tal-appell prezentat minnha.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df/mb